# Kunsill Lokali Mġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt


ĠHIR B'QALB KBIRA

## Seduta numru 26 tas-Sitt Leġislatura
## Illum it-Tlieta 26 t' April 2011

## aġġornata u konkluża it-Tlieta 3 ta' Mejju 2011

### MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Sejħa għall-offerti ġodda tal-Bulky Refuse u Żamma ta' Lattrini Pubbliċi*
5. *Financial Statements għas-sena 2010*
6. *Proposti għar-Riġenerzzjoni tal-'Playgrounds'*
7. *Affarijiet Mixxellanji*

### PREŻENTI

Kienu preżenti il-Viċi-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli. Il-laqgħa giet immexxija mill-viċi Sindku, Eman Vella.

Meta l-laqgħa tkompliet fit-3 ta' Mejju, ingħaqdu wkoll is-Sindku Paul Vella (li mexxa l-laqgħa f' din id-data) u l-Kunsilliera Maria Said.

### 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

ŻGHIR B'QALB KBIRA

*Punti mill-Minuti*

1.2 (2.1) Ingħatat informazzjoni dwar l-*Environment Week* li ser issir fil-bini tal-Kunsill f' Ġunju li ġej. Il-Kunsill ser joffri l-għajnuna tiegħu fl-inviti u l-promozzjoni ta' dan l-avveniment.

(2.6) Eman Vella informa kif il-Kunsill ser ikun qed jissottometti applikazzjoni ta' fondi mill-*European Agriculture Funds for Rural Development (EAFRD) – Rural Development Programme for Malta 2007-2013 LEADER Project* taħt *Measure 313 – Encoragement of Tourism Activities.* Minn dawn il-fondi il-Kunsill bi ħsiebu joħloq *Recreational Park* fiz-zona magħrufa bħala Ta' Darrenzi, li bħalissa qed isiru negozjati biex din l-art tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali.

Is-Sur Vella semma' kif saret talba biex jinbidlu l-konfini tal-art li ser tiġi devoluta peress li f' parti minnha teżisti problema mal-MEPA. Il-perit u l-EMDP qed jaħdmu fuq il-pjanti ta' dan il-proġett kif ukoll qed issir riċerka dwar '*zoning*' ta' dan il-park mis-sur Louis Cassar mill-*Institute of Earth Sciences* tal-Universita' ta' Malta.

Ingħatat ukoll l-informazzjoni kif diġa' ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* mal-MEUSAC biex il-Kunsill jirċievi għajnuna u direzzjoni fl-applikazzjoni.

Eman Vella semma' kif dan il-proġett jinkludi it-twaqqif ta' *recreational park, picnic-area*, rranġar tal-ħitan tas-sejjieħ u twaqqif ta' struttura ta' osservazzjoni. Il-ffinanzjament ta' dan il-proġett ikun ta' 100% sa massimu ta' €300,000.

(3.1) Clayton Gauci informa li hu u s-Sindku żaru l-Mitħna tal-Palma, kif ukoll s-Sur Gauci mar fuq il-post mal-grupp stess u dawn urew ix-xewqa li x-xogħol ta' tindif isir. Is-Sindku ser ikun qed jagħmel laqgħa oħra biex isir ftehim ta' kif dan ix-xogħol ser jitwettaq.

(3.3) Clayton Gauci informa li grupp mill-Imġarr pparteċipa fl-attivta' Seħer il-Punent li seħħet fl-Għarb, Għawdex.

(7.2) Eman Vella informa li peress li ħadd mit-Technical Team li qed jaħdem fuq il-proġett Cypfire ma' seta' jattendi għall-kors imsemmi, saret in-nomina tas-Sur Charles Camilleri mill-PARKS tal-Minisiteru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Il-kors ser isir f' Firenze u l-Kunsill ser jagħmel tajjeb għall-ispejjes li wara jiġu parti mill-claim tal-proġett Cypfire.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*.

2.3 Korrispondenza mill-Awtorita' tad-Djar dwar l-iskema tar-riġenerazzjoni tal-oqsma tal-bini tal-gvern.

2.4 Korrispondenza mill-Pulizija tal-Investigazzjoni Kriminali biex issir laqgħa ta' konsultazzjoni.

2.5 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar Assigurazjoni tas-Saħħa għall-Kunsilliera u l-impjegati tagħhom. Il-Kunsill approva li din issir.

2.6 Korrispondenza mingħand Ray Abela tal-kumpanija TCTC dwar proposta tal-kors tal-kompjuter E-Tfal fis-sajf. Il-Kunsill qabel li din is-sena dan il-kors ma jsirx.

2.7 Korrispondenzi mingħand 3 żgħażagħ barranin li wrew ix-xewqa li jaħdmu fil-Kunsill matul ix-xhur tas-Sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkuntatjahom biex iġib aktar dettalji dwar daw il-proposti.

2.8 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar in-nomina tal-Kunsillier Clayton Gauci biex jipparteċipa fil-proġett INTACT li ser isir fi Strasbourg. L-AKL infurmat li, wara l-aħħar żvilluppi, il-parteċipant jew il-Kunsill Lokali għandu jħallas l-ispejjeż relatati mal-ivjaġġar. Dan l-ammont, skond l-AKL, għandu jammonta għal madwar €350. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallsu mill-Kunsill.

2.9 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar attivitajiet fl-anniversarju tal-mewt tal-poeta Nazzjonali, Dun Karm Psaila.

## 3 Komunikazzjonijiet

3.1 Giovanni Gatt fakkar fit-tliet lampi li għandhom isiru xogħolijiet fuqhom li jinsabu fi Triq ic-Cagħaq, Triq il-Palma u Triq ix-Xagħra tal-Knisja.

3.2 Eman Vella semma' li ser isir it-tielet meeting tal-proġett Cypfire f'Mejju. Dan ser isir f' Palermo. Ġgalhe ser jattendu is-Sindku, il-Vici-Sindku u Marie Louise Zammit mit-technical team tal-Universita' li qegħdin jaħdmu fuq dan il-proġett.

3.3 Clayton Gauci semma li s-sala tal-bini tal-Kunsill ser tintuża mill-grupp tal-volleyball. Għal dan il-għan, il-Kunsill ser jirċievi donazzjoni ta' €100. Is-Sindku semma wkoll li kien ser isir riċeviment tal-Ewwel Tqarbina minn xi residenti u dawn ukoll ser jagħtu donazzjoni ta' €100.

## 4 Sejħa għall-offerti ġodda tal-Bulky Refuse u Żamma ta' Lattrini Pubbliċi

4.1 Saret dikussjoni dwar dawn iż-żewġ servizzi.

4.2 Dwar is-servizz tal-Bulky Refuse ġie deċiż li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

4.3 Dwar is-servizz taż-żamma tal-Lattrini Pubbliċi ġie deċiż li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti b' ħinijiet u arranġamenti differenti.

**5. Financial Statements għas-sena 2010**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Unaudited Financial Statements* għas-sena 2010.

5.2 Wara diversi diskussjonijiet u kjarifikazzjonijiet, dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis- Sindku.

5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta wkoll il-*Quarterly Reports* għas-sena 2010. Dawn ukoll ġew diskussi u finalment approvati wkoll.

**6. Proposti għar-Riġenerzzjoni tal-'Playgrounds'**

6.1 Saret diskuzzjoni dwar il-*playground* ta' Wesgħat il-Ġublew. Is-Sindku informa b' suġġeriment li għandu għal dan is-sit. Semma kif hemm pjan li s-siġar il-kbar jitħallew, isir *redesigning* tal-*playground*, jitneħħew il-bandli u l-logħob ieħor eżistenti li llum qegħdin fi stat ta' periklu għat-tfal li jużawhom. Għaldaqstant ikun hemm bżonn li wieħed jara jekk iż-żewġ monumenti li hemm ikollhomx bżonn tinstabilhom allokazzjoni ġdida. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ġie deċiż li jibdew isiru pjanijiet għat-twettieq ta' din il-proposta.

6.2 Saret diskuzzjoni dwar l-aħjar użu li jista' jsir mill-grawnd li hemm biswit il-playgorund. Il-ħsieb hu li dan jibqa' jintuża' bħala grawnd tal-futboll, imma li taħtu isir parkeġġ taħt l-art. Għalhekk ser tintalab stima mill-perit biex b' hekk il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni aktar infurmata.

**7 Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Giovanni Gatt semma li snin ilu kien applika biex isiru 2 lampi fl-isqaq fi Triq Sir Harry Luke in-naħa ta' Ta' Mrejnu. Din il-proposta ġiet diskussa.

7.2 Giovanni Gatt ikkummenta dwar il-biċċa bankina taz-zuntier li baqgħet ma saritx.

7.3 Eman Vella aġġorna l-Kunsill dwar il-proġett Cypfire. Spjega kif il-PPCD talbu li jsiru xi bdil fil-claim u hu qiegħed jieħu ħsiebha u qed jitlesta x-xogħol neċċessarju.

7.4 Clayton Gauci fakkar biex fis-sajf isir il-kors tad-drama hekk kif kien proposta mis-Sur Stefan Caruana u kif kien ġiet approvat fil-Kunsill. Sar qbil li ssir promozzjoni għalih permezza ta' flyer li jkun jinkorpora wkoll informazzjoni dwar l-Environment Week.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

7.5 Clayton Gauci ppropona li ssir uniformi tas-sajf għall-impjegati. Il-Kunsill qabel u ser jinġabru xi kwotazzjonijiet.

7.6 Clayton Gauci semma li kienet saret talba għall-Yellow Line fi Triq San Pietru kantuniera ma' Triq Vitale. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir ma' l-ewwel xogħol ta' road-marking li se jsir dalwaqt.

7.7 Clayton Gauci semma d-diversi problemi tal-bozzoz li jinqgħatu ta' spiss u kif dan qed joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti.

7.8 Maria Said semmiet kif hemm problema b' xi madum maqlugħ quddiem id-dar 52, Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li dan jiġi rranġat mill-ħaddiema tal-Kunsill stess.

7.9 Maria Said semmiet ukoll li hemm problema bil-karrijiet tad-dgħajjes li huma mgħormija fil-baħar fil-bajja tal-Ġnejna.

7.10 Maria Said infurmat li fi Triq l-Alwiża kien hemm karozza abbandunata. Il-Kunsill qabel li hemm diversi problemi simili u dan għandu jiġi skoraġġit.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet it-Tlieta 3 ta' Mejju 2011, fit-8.20pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku